# Achille Ferris u Bormla

Kitba u Riċerka ta' Mario Attard



Meta l-istoriku Achille Ferris ħareġ il-ktieb bit-Taljan "Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo" fl-1866, huwa kien is-Surmast tal-Iskola Primarja tal-Belt Valletta. L-istoriku mill-Isla ddedika bix-xieraq dan il-volum lill-Arċisqof ta' Malta ta' dak iż-żmien, Mons. Fra Gaetano Pace Forno.

B'dan ix-xogħol storiku tiegħu, Ferris ingħaqad mal-lista ta' kittieba storiċi bħalu, fosthom il-Kommendatur Abela fl-1647, il-Kavallier Del Pozzo fl-1715, l-Avukat Mifsud fl-1764, il-Konti Ciantar fl-1772 u l-Arċipriet Fiteni fl-1838 kif ukoll Pietru Pawl Castagna fl-1865.

Bħall-istoriċi msemmija, Achille Ferris jagħti bosta tagħrif siewi dwar pajjiżna u lokalitajiet oħra. Minn dan it-tagħrif kollu, naċċennaw għal dak kollu li jirrigwarda lil Bormla. L-ewwel referenza marbuta ma' Bormla hija marbuta mal-Isqof Gargallo.

## L-Isqof Gargallo, Bormla u l-Veskovat tiegħu

Tommaso Gargallo[1] kien is-suċċessur tal-Isqof Fra Martinho Royas bħala Isqof ta' Malta. Matul il-veskovat qasir tiegħu (1574-77), Royas kellu lil Mons. Costa Koadjatur u Supretendent invista tax-xjuħija li kellu. Royas miet fid-19 ta' Awwissu 1577. Il-Gran Mastru La Cassiere u l-Kunsill tal-Ordni nnominaw lil Fra Tommaso Gargallo, Spanjol mill-Katalunja sabiex jinħatar Isqof ta' Malta. Huwa kien issekondat mir-Re Filippu II u kien ikkonfermat mill-Papa Gregorju XIII bil-bolla tat-3 ta' Awwissu 1578. Dam imexxi l-veskovat ta' Malta 36 sena. Miet fl-10 ta' Ġunju 1614 fil-għomor ta' 78 sena. Huwa propju hawn fejn insibu r-rabta li kellu dan l-Isqof ma' Bormla.

L-Isqof Gargallo miet "nella casa che aveva fatto fabbricare sul colle di Santa Margerita, in Burmola, d'onde con funebre pompa fu su d'una galera trasportato in Valletta. Fu sepolto nella chiesa del Gesù, nella cappella del B.V. di Monserrato. Vi recitò orazione funebre il padre maltese Nicolò Gusman."

Achille Ferris jgħidilna li matul il-veskovat tiegħu seħħew esperjenzi mhux tant pjaċevoli bħal meta kellu xi jgħid mal-Gran Mastri u mal-Kapitlu tal-Katidral. Il-Malti Baldassare Cagliares kien is-suċċessur ta' Gargallo.

Rabta oħra li kellu l-Isqof Gargallo ma' Bormla tirrigwarda s-sena 1584. Nisiltu mid-Descrizzione delle Chiese di Malta e Gozo[2]. "Dalla matrice-parrochiale della città di Vittoriosa, furono per cura di Mons. Gargallo, smembrate da Gregorio XIII la chiesa di Senglea nel 1581 e della città di Cospicua nel 1584." Dak kien l-ewwel pass biex snin wara, fl-1823, meta d-Djoċesi Maltija kienet taħt it-tmexxija tal-Isqof Mattei, il-Papa Piju VII lill-knisja ta' Bormla tellagħha għad-dinjità ta' parroċċa fl-1823[3].

Lill-Isqof Cagliares insibuh ikun benefattur ewlieni tal-knisja u l-kunvent tal-patrijiet Tereżjani f'Bormla. Minn flusu kien xtara numru ta' djar li 'l quddiem kellhom jinbidlu fil-knisja u l-kunvent preżenti quddiem ix-Xatt ta' Bormla. Nikkwotaw. "Fra le beneficienze, che avea fatte, si menziona in ispecie la compra con 2000 scudi delle case ove fu poscia eretto il convento de' PP Carmelitani Scalzi, nel 1625."[4] Bini ieħor reliġjuż li jsemmi Achille Ferris huwa l-monasteru tas-Sorijiet Klawsura ta' Santa Margherita.[5] Dan inbena fl-1726 taħt l-awspiċi tal-Gran Mastru Manoel de Vilhena.

## Bormla ssir parroċċa

Tagħrif importanti li jagħti Ferris huwa marbuta mal-iżviluppi li għaddiet minnhom il-parroċċa ta' Bormla u li permezz tagħhom bdiet tikber. Huwa jikteb li l-ewwel titular ta' knisja f'Bormla antikament kien ta' Santa Liena mbagħad tal-Madonna tas-Sokkors, cioè tal-Kunċizzjoni. "Si vuole che anticamente la chiesa principale di Burmola fosse quella dedicata a sant'Elena, e che poscia (i.e.posa) sia divenuta quella quella del B.V. del Soccorso, ossia della Concezione."[6]

Bħala lokalità abitata, l-għadd ta' nies li kien jgħammru fiha kien relattivament żgħir u għalhekk il-knisja kienet għadha tagħmel mal-matriċi tal-Birgu.[7] Imma sa għaxar snin wara li kien intemm l-Assedju l-Kbir, il-għadd tal-poplu f'Bormla laħaq numru biżżejjed biex Bormla setgħet tkun tħares 'il quddiem. Bis-saħħa tar-rapport li kien għamel Mons. Dusina fil-Vista Pastorali tiegħu fl-1575, l-istess Viżitatur Appostoliku "concesse agli



abitanti di poter tenere a proprie spese un sacerdote per l'amminitrazione de'sacramenti e a celebrara loro la messa, riserbando però il diritto parrocchiale al parroco della Vittoriosa, come praticavasi prima del deto assedio."[8]

Tajjeb ingħidu li minkejja l-ħerba li sabet ruħha fiha Bormla wara l-Assedju l-Kbir l-ewwel bit-twaqqigħ tad-djar Bormliżi fuq ordni tal-Gran Mastru La Valette biex it-Torok li abitaw f'Bormla waqt l-assedju ma jkollhomx fejn jistaħbaw u wara bil-ħerba li ħallew it-Torok qabel ħarbu minn Malta wara li saru jafu li kienu telliefa[9], Bormla ma qatgħetx qalbha.

Bil-popolazzjoni tkompli tikber sena wara l-oħra, il-knisja parrokkjali ta' Bormla kellha titkabbar fl-1637, jiġifieri madwar ħamsin sena minn meta Bormla saret parroċċa. Dan it-tkabbir sar meta Dun Didaco (Diegu) Ciantar kien il-prokuratur tal-istess knisja. Dakinhar kienu żdiedu żewġ kappelluni flimkien mal-Kor u ż-żewġ kappelluni laterali li jmissu miegħu.[10]

Ħames snin qabel, fis-26 ta' Lulju 1732, l-Isqof Alpheran de Bussan ikkonsagra l-knisja parrokkjali ta' Bormla. L-anniversarju ta' din il-konsagrazzjoni beda jsir kull nhar il-ħames Ħadd wara l-Għid il-Kbir. B'danakollu bid-digriet tas-Sagra Kongregazzjoni tar-Riti tal-Knisja Kattolika tas-16 ta' Jannar 1830, il-Papa Piju VIII ttrasferixxa d-data tal-Konsagrazzjoni tal-parroċċa għall-21 ta' Ottubru ta' kull sena.[11]

Apparti mill-fatt li Achille Ferris jgħidilna li l-kappellun tal-Kurċifiss ittella' fl-1690, jagħtina dettalji b'rabta mal-knisja parrokkjali ta' Bormla sa dak iż-żmien li fih Ferris ippubblika l-volum tiegħu bit-Taljan **Descrizione Sacra delle Chiese di Malta e Gozo**, cioè 1866.

"La chiesa perciò componesi del coro con due cappelle a fianchi, di tre cappelloni e della nave principale con due ali laterali. Ė costruita in ordine composto. Ė lunga 127 piedi inglesi; larga nè cappelloni 84; e nella nave 25. Ha 14 altari. La chiesa sormonta da un cupola, la quale e fiancheggiata da due campanili, forniti di sei campane, dalle quali la maggiore più fattacolle allargizioni popolari nel 1805".[12]

## Is-Sagrestija

Dun Didaco Ciantar, li ssemma aktar 'il fuq, huwa mfakkar permezz ta' pittura. Hija ħaġa xierqa li jkun imfakkar meta wieħed iqis li dan il-qassis kien benefattur kbir tal-knisja parrokkjali ta' Bormla. Dun Diegu Ciantar (kif inhuwa iktar magħruf tal-Bormliżi) miet fis-17 ta' Novembru 1735 u fit-testment tiegħu ħalla l-beni kollha li kellu lill-parroċċa ta' Bormla.

Tliet pitturi oħra huma tal-Papa Piju VII, xogħol ta' Giuseppe Hyzler, tal-Kardinal Agostino Rivalora li tpitter f'Ruma u tal-Iqof Mattei minn They. Pittura oħra hija tal-Isqof Pace Forno li saret minn Anthony Zammit. Huwa kien żejjen lill-Kapitlu ta' Bormla b'kurdun tal-ħarir blu mżewwaq bi ħjut tad-deheb li kien iġorr miegħu s-salib pettorali. Dan wara li l-kurdun għall-ewwel kien blu biss. Tajjeb ingħidu li dan is-salib intlibes għall-ewwel darba fil-25 ta' April 1863.[13]

## Il-Kapitlu fl-ewwel erbgħin sena tiegħu

Il-Bolla tal-Papa Piju VII, li ġġib id-data tal-5 ta' Ġunju 1822, għolliet lill-knisja parrokkjali ta' Bormla għad-dinjità ta' Kolleġġjata Perinsinji. L-Isqof tad-djoċesi Maltija f'dak iż-żmien kien l-Isqof Mattei. Dan il-pass wassal biex nhar is-7 ta' Diċembru 1823

filgħodu, il-kanonċi ngħataw il-pussess mill-Vigarju Ġenerali, il-Kan. Dr. D. Emmanuel Rossignaud.

Achille Ferris jagħti min kienu l-kanonċi li ħadu l-pussess.

Dun Giuseppe Bezzina kien l-Arċipriet.
Dun Giuseppe Briffa, Teżorier
Dun Antonio Spiteri, Kantur
Dun Antonio Debono, Primiċerju
Dun Giulio Zammit, Dekan
Fra Antonio Baldacchino, Prepostu
Dun Giuseppe Pisani, Penitenzier
Dun Giuseppe Damantini
Dun Dr Francesco Lia
Dun Salvatore Bertelli
Dun Giaocchini Lia
Dun Giuseppe Azzopardi
Dun Dr Pietro Spiteri
Dun Dr Giuseppe Caruana, Teologu
Dun Paolo Azzopardi
Dun Lorenzo Vella

Il-Keriku Paolo Ellul, li fiż-żmien li fih Ferris stampa dan il-volum, dan il-kjeriku sar kanonku tal-Katidral.

Wara l-mewt tat-tielet arċipriet, it-tmexxija waqgħet f'idejn il-Kapitlu. Il-pussess li ppermettiet din il-Bolla ngħata lill-kanonċi fit-23 ta' Marzu 1852 mill-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien, Mons. Dr Vincenzo Chapelle.

## Statwi fil-Knisja Parrokkjali

Permezz tal-lista li ġejja, insibu l-għadd ta' statwi li Achille Ferris josserva li kien hemm fil-knisja parrokkjali ta' Bormla sa dakinhar li stampa **Descrizione Sacra delle Chiese di Malta e Gozo**, jiġifieri sal-1866.

Huwa jsemmi l-istatwa ta' San Mikiel Arkanġlu, lil San Ġwann Battista jgħammed lil Kristu u jinsab fuq il-fonti tat-tgħammid. Isemmi wkoll erba' appostli li kienu jitqiegħdu fuq l-artal maġġur. Ma jonqosx milli jsemmi l-istatwa ta' Kristu Rxoxt, xogħol ta' skultur Spanjol.

Isemmi lis-Salib biż-żewġ anġli jadurawh. Dawn jissimbolizzaw lill-Innoċenza u lill-Virtù. Ferris jikteb li dan ix-xogħol artistiku nħadem fl-1858. Isemmi wkoll żewġ anġli, din id-darba li jżommu l-mant tal-Kunċizzjoni. Jikteb li kienu nħadmu fl-1862 u jiddeskrivihom bħala "due opere del compianto artista Vincenzo Bonnici"[14]

## Pittura fil-Knisja Parrokkjali

Achille Ferris jibda bil-kwadru titulari tal-Kunċizzjoni, "un bell'opera di P.P. Caruana". Din il-pittura, li saret fl-1852 (hawnhekk hawn mhux biss żball tal-istampa fejn inqalbu l-aħħar żewġ numri, imma eżattament tpitter fl-1828) għas-spejjeż tal-familja Mifsud Tommasi, ħadet post il-kwadru titulari l-qadim li tpitter minn Karlu Gimach u li wara tqiegħdet fis-sagristija tal-istess knisja parrokkjali. Taħt dan il-kwadru titulari hemm kwadru żgħir ta' Marija Verġni li nħadem fuq l-oriġinali ta' Sassoferrato.[15]

Fuq l-artal tal-Kor, jgħidilna Achille Ferris, hemm "un bellissimo altro piccolo quadro in mosaico" li jirrappreżenta lis-Salvatur. Fi kliem Ferris stess, dan il-kwadru kien "vinto nell'ultima lotteria del Papa da un Cospicuano, che ne fece dono alla chiesa".[16]



Jissemmew iż-żewġ kwadri laterali li tpittru minn Francesco Zahra. Wieħed jirrappreżenta lill-Patrijarki, lill-Profeti u lid-Dutturi tal-Knisja jkantaw għana ta' tifħir lil Marija Bambina. L-ieħor jirrappreżenta lil San'Anna tikkontemla l-privileġġi ta' bintha Marija.

Mill-pinzell ta' Rokku Buhagiar jissemmew il-kwadri ta' San Mark u l-erba' kwadri laterali tal-kappelluni li jirrappreżentaw (a) lill-patroċinju ta' San Ġużepp, (b) lill-Annunzjata, (ċ) lill-Predikazzjoni ta' Santa Katarina u (d) lill-martirju tal-istess qaddisa, jiġifieri Santa Katerina.

Iżejjen kappellun ieħor hemm il-pittura li tirrappreżenta lill-Beata Verġni tal-Grazzji li hija opra tal-Kav. Antoine Favray.

It-tieni altar fuq il-lemin iġib l-opra ta' Alessio Erardi u turi lill-Beata Verġni, lil San Ġwann Battista u l-Erwieħ tal-Purgatorju. Kwadru ieħor impitter minn Francesco Zahra juri lil San Kristofru u jgħidilna Achille Ferris jinsab fit-tielet artal tal-lemin. Fil-kappellun tax-xellug insibu kwadru li juri lil Santa Katerina u l-qaddisin Cosma u Damjanu.

Il-kwadru tal-kappella tas-Sagrament huwa xogħol ta' Giovanni Nicola Buhagiar u juri lill-Beata Verġni tar-Rużarju.

Fuq il-bibien laterali tal-knisja parrokkjali jissemmew żewġ pitturi li tpittru fuq dawk oriġinali minn Mattia Preti: waħda turi d-Depożizzjoni jew it-tniżżil ta' Kristu Mejjet minn fuq is-Salib u l-oħra turi lil Marija Addolorata

Jissemmew ukoll erba' kwadri żgħar ovali. Tlieta minnhom tpittru minn Tommaso Madiona u juru separatament lil Santa Filomena, lil San Publiju u lil San Alfons de Liguori. Il-kwadru ovali l-ieħor juri lill-Beatu Benedetto Giuseppe Labrè u huwa xogħol ta' Zammit.[17]

## Opri Oħra

Achille Ferris, minn fost il-ħafna xogħlijiet tal-fidda li għandha l-parroċċa ta' Bormla jsemmi ftit minnhom b'eżempju. Isemmi l-kustodja għall-espożizzjoni tas-Sagrament. Dan huwa xogħol mibdi minn arġentier prim Sqalli u ntemm minn Saverio Cannataci.

Jissemma wkoll l-orgni li tqiegħed f'postu fl-1862. Dan l-orgni sar f'Ruma mill-arista Natale Morelli.

Ma jonqsux milli jkunu nkluži r-relikwi. Minn fost l-għadd sabiħ ta' relikwi li għandha l-parroċċa ta' Bormla, Ferris isemmi tnejn: ta' Santa Klara u San Paċifiku li jmorru lura lejn is-sena 1830 u ta' San Onorato li l-knisja ta' Bormla ġabitu f'Mejju 1852.

Ma setax jonqos li jkun imsemmi wkoll il-Kurċifiss ta' Kandjali jinsab fuq l-altar tas-Ssmu Kurċifiss. Fl-antik, jgħidilna Ferris, fil-ġranet tal-Ħamis u l-Ġimgħa kienu jmorru jqimuh nies minn ma' Malta kollha.

## Il-Konfraternitajiet f'Bormla

Achille Ferris isemmi tmien konfraternitajiet li l-knisja parrokkjali ta' Bormla kienet tħaddan. Dawn huma:

Il-Konfraternità tas-SS. Sagrament li twaqqfet fis-6 ta' Diċembru 1851

Il-Konfraternità tal-Kunċizzjoni li twaqqfet fis-26 ta' Ġunju 1649 u hija assoċjata ma' dik ta' Ruma

Il-Konfraternità tar-Ružarju li twaqqfet fis-27 ta' April 1602

Il-Konfraternità ta' San Ġużepp

Il-Konfraternità ta' Sant'Agata mwaqqfa f'Mejju 1805

Il-Konfraternità ta' San Mikiel imwaqqfa fil-15 ta' Settembu 1805

Il-Konfraternità ta' Sant'Andrija mwaqqfa fl-1811.

Minbarra dawn insibu l-Konfraternità tal-Kurċifiss li kienet assoċjata fl-1673 ma' dik ta' San Marċello f'Ruma kif ukoll is-solidalità (jew l-alleanza jew l-għaqda ta' solidarjetà) tas-saċerdoti mwaqqfa fl-1672.

## L-Oratorju tal-Kurċifiss

Ladarba ssemmiet il-Konfraternità tal-Kurċifiss, ma setax ma jissemmix xi tagħrif dwar l-Oratorju. Achille Ferris jgħidilna li l-Oraorju tal-Konfraternità tal-Kurċifiss inbena fl-1731 u kien ikkonsagrat mill-Isqof Labini fis-16 ta' Novembru 1793. Il-jum li fih tkun imġedda din il-konsagrazzjoni hija stabbilita fil-ġurnata tal-Ħadd fl-ottava tat-Tlugħ fis-Sema ta' Sidna Ġesù Kristu (popolarment Lapsi).[18]

## Kappillani, Arċiprieti-Kurati u Kanonċi-Kurati

F'**Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo**, Achille Ferris jagħti lista ta' qassisin responsabbli mit-tmexxija tal-knisja parrokkjali ta' Bormla. Dawn jaslu sa madwar is-sena li fiha Ferris stampa dan il-volum storiku.

1. M.R.D. Michele Cap – kien elett mill-Isqof Gargallo fl-1586 u miet fl-1642. Qabel kien diġà viċi parroku ġewwa l-Birgu.
2. M.R.D. Parlermino Cap, duttur tal-liġi, elett mill-Isqof Balaguer, u ħa l-pussess fit-28 ta' Novembru 1642 fejn dam jamministra sas-26 ta' Ġunju 1661 imbagħad miet fl-1667.
3. M.R.D. Domenico de Modica, duttur tal-liġi u kien elett minn Mons. Balaguer f'Lulju 1661 u miet fl-1 ta'Awwissu 1662.
4. M.R.D. Francesco Asciach li kien diġà Kappillan ta' Ħal Tarxien sal-1641. Inħatar f'Bormla fi żmien il-veskovat ta' Mons. Balaguer u ħa l-pussess nhar is-16 ta' Awwissu 1662. Miet f'Lulju 1668.
5. M.R.D. Gio-Maria Barbara, li kien diġà kappillan ta' Ħal Tarxien mill-1662. Ħa l-pussess tiegħu taħt Mons. Astira f'Awwissu 1669. Kien Duttur tal-liġi tas-

Sagra Teoloġija. Eżaminatur sinodjali taħt l-Isqfijiet Molina u Cocco Palmieri, missjunarju appostoliku, mimli żelu u mħabba lejn il-proxxmu – xhieda ta' dan hija l-imġiba li wera fil-pesta tal-1675-76. Fl-1689 ntbagħat fil-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ fejn miet fl-4 ta' Novembru 1704.

6. M.R.D. Paolo Lamagna, duttur tas-Sagra Teoloġija. Kien elett mill-Isqof Cocco Palmieri. Ħa l-pussess fl-4 ta' Ġunju 1689 u miet fis-26 ta' Jannar 1690. Beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-knisja ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex. Fl-1669 kien nominat kanonku koadjatur mal-kanonku tal-Katidral, D. Antonio Testaferrata iżda minħabba oppożizzjoni li sab, Ruma ma tatx il-kunsens tagħha.
7. M.R.D. Giacomo Vella, duttur tal-liġi u kien elett mill-Isqof Cocco Palmieri fejn ħa l-pussess tiegħu fl-14 ta' Lulju 1690. Miet fit-3 ta' Frar 1697.
8. M.R.D. Cosmano Zarb, elett mill-Isqof u ħa l-pussess fil-25 ta' Frar 1697. Miet fid-19 ta' Marzu 1699.
9. M.R.D. Gioacchino Fabri, elett mill-istess Isqof. Ħa l-pussess fit-22 ta' Lulju 1669 imma fl-1714 irrinunċja biex ikun jista' jieħu ħsieb ħuh. Miet tliet snin wara fil-21 ta' Marzu 1717.
10. M.R.D. Giuseppe Fabri li kien elett minn Mons. Cannaves. Ħa l-pussess fl-14 ta' Awwissu 1714 u miet fit-22 ta' Mejju 1717.
11. M.R.D. Giovanni Crisostmo Crispo, elett minn Mons. Cannaves u ħa l-pussess fl-14 ta' Awwissu 1717 u fl-1728 irrunċja l-parroċċa. Crispo kien duttur tal-liġi u fis-sagra teoloġija, eżaminatur sinodali, rettur tas-Seminarju tal-Imdina. Kien magħruf għad-duttrina u l-ħniena. Miet fit-18 ta' Ottubru 1742.
12. M.R.D. Gio-Batta Crispo, elett minn Mons. Alpheran fl-1728 u rrinunċja l-parroċċa fl-1759.
13. M.R.D. Gio-Batta Caruana elett minn Mons. Rull. Ingħata l-pussess fit-22 ta' Ġunju 1759 u miet fit-12 ta' Awwissu 1765. Taħt dan il-Kurat il-Kappillani ngħataw id-dritt li jilbsu r-rokketta u l-mozzetta.
14. M.R.D. Antonio Muscat, li diġà kien kappillan ta' Ħaż-Żabbar fl-1756. Kien elett Kappillan tal-parroċċa ta' Bormla minn Mons. Rull u ngħata l-pussess f'Mejju 1765 u miet fit-13 ta' April 1793. Dwaru Ferris jikkummenta hekk: "Era questo ecclesiastico molto stimato per il suo sapere e per le sue eccellenti qualità".
15. M.R.D. Salvatore Fenech, elett minn Mons. Labini. Ingħata l-pussess fl-24 ta' Mejju 1793 u miet fis-7 ta' Novembru1803. Huwa kien l-ewwel rettur tal-knisja tal-Erwieħ tal-Purgatorju fil-Belt Valletta.
16. M.R.D. Salvatore Montebello elett minn Mons. Labini u ngħata l-pussess fis-27 ta' Lulju 1804. Miet fit-18 ta' April 1809.
17. M.R.D. Giuseppe Bezzina elett minn Mons.Mattei u ngħata l-pussess fl-20 ta' Awwissu 1809. Taħt dan il-kappillan il-knisja parrokkjali tal-belt Cospicua saret Kolleġġjata u għalhekk kellha l-ewwel arċipriet-kurat. Madwar tliet xhur wara li ħa l-pussess ta' arċipriet, miet fil-25 ta' Frar 1824 u bkieh kulħadd. Pittura tiegħu tinsab konservata fis-Sagristija tal-parroċċa. "**Questo dunque fu l'ultimo parroco e il primo arciprete curato.**"
18. M.R.D. Dr. D. Giovanni Francesco Lia, li kien diġà kanonku tal-Kolleġġjata l-ġdida u għal xi xhur kien vigarju-kurat (i.e. ta' Bormla). Kien elett minn Mons Mattei u ħa l-pussess ta' arċipriet-kurat fit-30 ta' Jannar 1825. Miet fit-2 ta'

Settembru 1826. Dan il-qassis, deskritt minn Ferris bħala bniedem kapaċissimu, kien wieħed mid-deputati li kienu marru Ruma fil-ħidma tagħhom biex il-parroċċa ta' Bormla ssir Kolleġġjata.

19. M.R.D. Antonio Scasciato fl-1810 kien Vigarju-Kurat fiż-Żurrieq u fl-1812 kien Kappillan tan-Nadur, Għawdex. Taħt Mons. Mattei laħaq arċipriet-kurat tal-Kolleġġjata ta' Bormla. Ħa l-pussess fl-4 a' Ġunju 1827. "**Questi fu l'ultimo ariprete-curato; dappoichè la cura venne poscia affidata al capitolo. Però l'effettuazione della bolla, stanti alcune opposizioni, non venne eseguita se non nel 1852.**"[19]
20. M.R. Dr. D Giuseppe Schembri kien elett mill-Kapitlu u kkonfermat mill-Mons. Caruana fil-kwalità ta' Vigarju-Kurat f'Settembru 1834. Huwa dam sal-15 ta' Settembru 1849 fejn f'dik l-istess sena Mons. Sant ħatru kanonku kapitulari. D.Schembri kellu kwalitajiet sbieħ u n-nies kellha qima kbira lejh. Miet fil-31 ta' Ottubru 1855.
21. M.R. Dr. D Michele Albanese kien elett Vigarju-Kurat f'Settemrbu 1849. Fl-1851 sar kanonku tal-istess Kolleġġjata u fl-1852 sar arċipriet. Kien qassis għaref u b'virtujiet sbieħ.
22. M.R. Kanonku D. Costantino Perovich sar **l-ewwel kurat perpetwu**. Kien elett mill-Kapitlu u kkonfermat mill-Mons. Sant f'Marzu 1852. Fit-30 ta' Mejju 1858 irriżenja. Tul it-tmexxija tiegħu, jikteb Ferris, wera kwalitajiet sbieħ bħala kurat.
23. M.R. Kanonku D. Rosario Mercieca li kien diġà viċi kappillan fl-1837. Kien elett kurat-perpetwu mill-Kapitlu u kkonfermat minn Mons. Pace Forno fl-1 ta' Ġunju 1858. Kien ħabrieki u jaħdem bla heda.

## Il-Knisja ta' San Pawl

Il-knisja ta' San Pawl hija deskritta minn Achille Ferris bħala "una graziosa chiesa, con tre altari". Kienet inbniet għall-ewwel darba fl-1590 mentri dik preżenti nbniet fl-1741. Kienet ikkonsagrata mill-Isqof Alpheran. Il-kwadru prinċipali, li jirrappreżenta lill-Konverżjoni ta' San Pawl, tpitter minn Rokku Buhagiar. Ir-Reżurezzjoni mpitter minn Lazzaro Pisani u San Duminku u San Franġisk, li huma fuq kopja tal-Mattias (Preti) jiffurmaw iż-żewġ kwadri laterali. Jissemma wkoll kwadru ta' Santa Barbara, xogħol ta' Francesco Zahra, li jifforma parti mill-artal tal-lemin. Kwadru ieħor li tpitter minn Francesco Zahra jippreżenta lill-Konverżjoni ta' San Pawl. Dan il-kwadru nżamm fis-Sagristija tal-istess knisja wara li nbidel fuq ordni ta' Mons. Labini.[20]



### Il-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa

L-ewwel knisja ddedikata lil dan il-qaddis kienet mibnija kilometru punt sitta 'l barra mis-swar minn fejn tinsab illum. Mal-knisja kien hemm dar bil-ġnien li fiha kien jgħix eremita. Ferris jorbot il-qedem tagħha ma' arma tal-kunjom Vulpono. Mons. Antonio Vulpono kien sar isqof ta' Malta fl-1373.

Meta fl-1436 Mons. De Mello waqqaf l-għaxar knejjes matriċi, din il-knisja kienet tagħmel mal-knisja ta' Birmiftuħ. Dan ifisser li kienet tagħmel ma' Ħal Tarxien u damet hekk sas-sena 1592 meta Ħal Tarxien inqata' minn mal-matriċi ta' Birmiftuħ. F'din il-knisja kien hemm statwa fl-injam tal-qaddis li l-Ordni kien ġab f'Malta fuq karrakka minn Rodi wara li kien tkeċċew mit-Torok fl-1522.

Dak li wassal lill-Knisja ta' San Ġwann t'Għuxa tinbena ġewwa s-swar f'Bormla fejn hija llum huwa marbut mal-biża' li kellha l-Ordni li, imperrċa barra s-swar kif kienet, setgħet faċilment tkun ipprofanata minn xi assalti għal għarrieda li kienu jagħmlu l-misilma. Bi spejjeż tal-Prijur Fra Pietro Viany twaqqgħet fl-1680 u reġgħet inbniet fejn għadha sal-lum, fl-1682.[21]

### Il-Knisja ta' San Franġisk de Paola

Din kienet tinsab fix-xatt ta' Kordin u kienet tagħmel mal-parroċċa ta' Bormla. Ittellgħet fl-1747 mill-Balliju Francesco de Sousa (li kien jiġi n-neputi tal-Gran Matsru Manoel de Vilhena). It-tberik tagħha kien sar minn Mons. Rull, li kien il-Gran-prijur tal-Ordni. Il-Balliju de Sousa bena wkoll dar mal-knisja għas-spejjeż tiegħu. Fis-sena ta' wara kienet ċeduta lill-Ordni.

Illum (jiġifieri fl-1866), din il-knisja "e soggetta al vescovo di Malta."[22]

### Il-Knisja tal-Karmelitani Skalzi

Bis-saħħa tal-att notarili tal-11 ta' Diċembru 1652, l-Isqof Cagliares xtara għadd ta' djar mingħand il-Kommendatur Fra Claudio Decasse għal 1,500 skud. F'dawn id-djar kienu joqogħdu l-patrijiet infushom sakemm imbagħad inbena l-kunvent preżenti b'ħidma tal-patrijiet Fra Giuseppe Angelo, della Madre di Dio, Fra Alessio di Sant'Angelo, Naplitan, u l-fratell Giuseppe, li kien Ruman. Meta mbagħad inbena l-kunvent flimkien mal-knisja tiegħu, l-Isqof Cagliares ta diversi għotjiet biex ikompli jissebbaħ il-bini.

Fl-1681 żdied l-oratorju flimkien ma' diversi kmamar li l-Gran Mastru Caraffa kien ħareġ 500 skud għalihom. Ta' min iżid li għadd minnhom kienu jservu biex fihom il-Kavallieri jagħmlu l-irtiri tagħhom.

Il-Knisja tal-patrijiet Tereżjani għandha tliet kappelluni fuq kull naħa u ieħor fil-Kor. Fit-18 ta' Marzu 1787 l-Isqof Labini kkonsagraha. L-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja jitfakkar kull nhar ir-raba' Ħadd wara l-Għid il-Kbir. Ta' min jgħid hawn li l-patrijiet Tereżjani Skalzi l-ewwel kienu jagħmlu mal-provinċja ta' Sqallija imbagħad żmien wara sau soġġetti għall-Padre Generale tal-Ordni Tereżjana f'Ruma.[23]

Achille Ferris isemmi li f'din il-knisja hemm stabilita l-Konfraternità tal-Beata Verġni tal-Pietà. Twaqqfu wkoll tliet kongregazzjonijiet: tal-Karmnu, tal-Qalb ta' Ġesù u tal-Beata Verġni tal-Addolorata. Fl-istess knisja jinsab ukoll il-korp tal-Beata Verġni Santa Consolata. Insemmu wkoll li fil-knisja hemm midfun l-eks Inkwiżitur ta' Malta, Mons. Carlo Caballetti.

Fejn tidħol pittura nsemmu l-kwadru prinċipali li jirrappreżenta l-inkurunazzjoni ta'

Santa Tereża li tpitter minn Fra Luca Guarnier. L-istess pittur pitter lil San Franġisk li jinsab kif tidħol fuq il-lemin. Arrigo Arnaux pitter iż-żewġ kwadri laterali: (a) in-Natività ta' Ġesù u (b) l-Adorazzjoni tas-Slaten Maġi. Rokku Buhagiar pitter iż-żewġ kwadri laterali li jinsabu fil-kappellun tal-Karmnu. Fl-Oratorju jinsab kwadru tal-Mattias (Preti) li jirrappreżenta lil San Ġwann Battista. Interessanti nkunu nafu dwar dan il-kwadru li x-xogħol fuqu mhux ipperfezzjonat peress li l-artista miet fl-istess perjodu li kien qed jaħdem fuqu.[24]

## Is-serqa tal-pissidi minn Santa Tereża

Fil-paġni 306 – 307 ta' **Descrizipone Storica della Chiese di Malta e Gozo**, Achille Ferris jagħmel referenza dettaljata tas-serqa tal-pissidi sagru mimli bl-ostji. Din is-serqa sagrilega kienet saret fid-19 ta' Ottubru 1837. Wara li sar magħruf x'ġara, Mons. Caruana ordna li l-artal maġġur jitgħatta bħala sinjal ta' luttu. Itgħatta wkoll il-kwadru prinċipali filwaqt li kien deċiż li jsir tridu bl-espożizzjoni tas-sagrament fil-knejjes kollha.

It-22 ta' Ottubru 1837 kienet l-ewwel ġurnata tat-tridu. Dakinhar il-pissidi nstab minn tfajjel Żabbari ta' ħdax-il sena li sabu fil-foss tal-ewwel bieb tal-Birgu, Couvre Port. Kien fih ħamsin ostja u naqas biss salib ċkejken li kien fuq l-għatu tal-pissidi.

Dlonk l-erba' knejjes tal-belt ta' Bormla ħabbru bis-sejba permezz tad-daqq tal-qniepen filwaqt li ġemgħa nies inġabru fuq il-post tas-sejba b'qima u adorazzjoni.

Il-pissidi ttieħed bi proċessjoni solenni mill-Vigarju Ġenerali, Dr. Dun Salvatore Lanzon lejn il-knisja ta' Santa Tereża, Bormla. Dan ma kienx biżżejjed għax imbagħad saret mixegħla ta' tlett ijiem fil-knejjes parrokkjali kollha. Fihom tkanta wkoll it-Te Deum bħala radd il-ħajr lil Alla.

## Il-Prijuri tal-Kunvent Tereżjan f'Bormla

Achille Ferris, kif għamel meta ta l-lista tal-kappillani u tal-kurat-arċiprieti tal-knisja



parrokkjali ta' Bormla, għamel hekk ukoll dwar il-prijuri tal-kunvent tat-Tereżjani ġewwa Bormla. Sas-sena li fiha Ferris stampa l-volum storiku tiegħu, l-Ordni Tereżjan f'Malta kellu 78 prijur f'din l-ordni:

1625 - M.R.P. Teodosio, tal-Ispirtu s-Santu, wieħed mill-promoturi għall-bini tal-kunvent
1627 - M.R.P. Alessio, ta' Sant'Anġlu, pomotur ieħor għall-bini tal-kunvent
1628 - M.R.P. Barnaba, ta' San Franġisk
1631 - M.R.P. Carlo, ta' Ġesù Maria
1632 - M.R.P. Vincenzo Maria, ta' Ġesù
1634 - M.R.P. Agostino, tal-Qaddisin
1637 - M.R.P. Giuseppe Angelo, ta' Omm Alla, promotur tal-fondazzjoni tal-kunvent
1638 - M.R.P. Leonardo, tal-Ispirtu s-Santu
1641 - M.R.P. Baldassere, ta' Santa Katarina
1642 - M.R.P. Isidoro, ta' San Ġużepp, li kien reliġjuż miżmum b'għożża u ta' duttrina kbira. Huwa kien eżaminatur sinodali fl-1646
1647 - M.R.P. Domenico, ta' San Niccolò
1650 - M.R.P. Silvano, San Franġisk
1653 - M.R.P. Melchiore, ta' Ġesù
1656 - M.R.P. Casimiro. ta' Santa Tereża
1659 - M.R.P. Silvano, ta' San Franġisk
1662 - M.R.P. Cesario, ta' San Bonaventura
1663 - M.R.P. Angelo, ta' San Bernardino
1665 - M .R.P. Onorato, ta' Sant'Anġlu
1668 - M.R.P. Angelo Francesco, ta' Santa Tereża
1672 - M.R.P. Agostino Maria, ta' San Ġużepp
1673 - M.R.P. Bonifacio, ta' San Martin
1674 - M.R.P. Pier-Damiano, ta' San Tumas
1674 - M.R.P. Apollinare, ta' Ġesù
1676 - M.R.P. Ambrogio, ta' Santa Barbara
1677 - M.R.P. Bernardo, ta' Ġesù
1678 - M.R.P. Lorenzo, ta' San Elija
1679 - M.R.P. Domenico, ta' San Nikola
1686 - M.R.P. Lorenzo, ta' San Elija
1689 - M.R.P. Nicolò, tal-Kunċizzjoni
1692 - M.R.P. Pietro-Giacomo, ta' Santa Maria
1695 - M.R.P. Doroteo, ta' San Marziale
1698 - M.R.P. Eġidio, ta' San Ċirillu
1700 - M.R.P. Carlo-Mariano, ta' San Mikiel
1701 - M.R.P. Urbano, ta' Ġesù
1704 - M.R.P. Franġisk de Sales, tal-Vizitazzjoni
1707 - M.R.P.Antonio, tas-Santissima Trinità
1713 - M.R.P. Vittorio, ta' San Ġużepp
1716 - M.R.P. Franġisk de Sales, tal-Viżitazzjoni
1719 - M.R.P. Ċelestibo, ta' San Claudio
1722 - M.R.P. Alessandro, ta' San Franġisk

1726 - M.R.P. Teresio, ta' Ġesù
1728 - M.R.P. Onofrio, ta' San Bernardino
1731 - M.R.P. Mattia, ta' San Albert
1734 - M.R.P. Bernardino, tal-Kunċizzjoni
1737 - M.R.P. Teresio, ta' Ġesù
1740 - M.R.P. Desiderio, ta' San Mikiel
1746 - M.R.P. Francesco Borgia, ta' Santa Tereża
1752 - M.R.P. Giuseppe-Vittorio, ta' San t'Anġlu. Kien oratur ċelebri u miżmum b'għożża għad-duttrina tiegħu. Fl-1736 għamel il-prietka għall-avvent tal-knisja tal-Kavallieri ta' San Ġwann
1756 - M.R.P. Paolo-Giuseppe, ta' San Franġisk
1758 - M.R.P. Leandro, ta' Santa Ċeċilja
1761 - M.R.P. Elija, ta' San Ġwakkin
1764 - M.R.P. Erneto, ta' San Martin
1768 - M.R.P. Stanislaw, ta' San Alwiġi
1771 - M.R.P.Carl-Felice, ta' Santa Rosa
1773 - M.R.P. Gio-Francesco, ta' San Nikola
1777 - M.R.P. Pietro, ta' San Ġwann Battista
1779 - M.R.P. Francesco Saverju, tal-Passjoni
1783 - M.R.P. Gio-Andrea, ta' San Nikola
1785 - M.R.P. Filippo-Maria, ta' San Nikola
1790 - M.R.P. Carlo Giuseppe, ta' Sant'Anna
1791 - M.R.P. Raimondo, ta' San Bartilmew
1796 - M.R.P. Teodosio, tal-Kunċizzjoni
1801 - M.R.P. Carlo-Giacinto, ta' Ġesù Maria. Dan kien minn Geova, "e soggetto molto erudito". L-ewwel okkupa l-katedra tal-filosofija għal sitt xhur fl-Università ta' Malta, imbagħad kien maħtur Professur tal-Botanika, suġġett li tant kien tajjeb fih. Sabiex jintroduċi dan is-suġġett f'pajjiżna, minn Sqallija ġab 600 pjanta ħajja u madwar 3,000 żerriegħa varja biex permezz tagħhom ikun jista' jinbena ġnien (orto) botaniku. Fl-1806 ppubblika katalgu tal-pjanti li kienu eżistenti f'dan il-ġnien/l-ort. Fl-1811 ħareġ pubblikazzjoni oħra bl-isem *Saggio d'Agricoltura per le Isole di Malta e Gozo*. Dan ix-xogħol għamlu għall-Onor. Lord Visconte Valenzia. Iddistingwa ruħu wkoll fix-xjenza ekkleżjastika. Taħt Mons. Mattei okkupa l-kariga ta' eżaminatur tal-liġijiet
1804 - M.R.P. Gio-Maria, ta' Sant'Anna
1809 - M.R.P. Vigarju Prijur Teodosio, ta' Sant'Anna
1813 - M.R.P. Teodosio, tal-Kunċizzjoni
1816 - M.R.P. Gio-Maria, ta' Sant'Anna
1824 - M.R.P. Ilario, ta' San Ġwann tas-Salib. Patri Ilario kien bniedem erudit u kiseb fama tajba mal-awtoritajiet ekklesżjastiċi u mal-poplu. Kien orator bravu ħafna. Kien jipprietka bil-Malti u bit-Taljan b'abilità kbira. Taħt l-Isqfijiet Mattei u Caruana kien wieħed mill-eżaminaturi tal-kleru. Kellu skola ġewwa l-kunvent tiegħu f'Bormla li minnu ggwadanjaw ħafna żgħażagħ.
1830 - M.R.P. Emmanuele-Luigi, ta' Santa Maria

1832 - M.R.P. Vigarju Prijur Raimndo, ta' San Ġużepp
1836 - M.R.P. Raimondo, ta' San Ġużepp
1838 - M.R.P. Vigarju Prijur Raimo do, ta' San Ġużepp
1843 - M.R.P. Eustachio-Maria, ta' San Ġużepp
1846 - M.R.P. Alberto, ta' Ġesù
1849 - M.R.D. Gioacchino, ta' Sant'Anna
1852 - M.R.D. Alberto, ta' Ġesù. Kien patri mżejjen bi kwalitajiet tajbin ħafna u mimli bl-għerf. Kellu oratoria sagra tajba ħafna. Kien distint fiż-żelu appostoliku ġewwa Lixandra, fl-Eġittu, filwaqt li kienet tferrxet il-kolera fl-1685. F'dik is-sitwazzjoni Patri Alberto bl-akbar kuraġġ u determinazzjoni dar bl-infettati.
1856 - M.R.P. Giuseppe Maria, tas-Santissimu Salib ta' Ġesù magħruf fis-seklu bħala Don Giuseppe Abela. Huwa kellu ħafna virtujiet sbieħ. Irnexxielu jilħaq l-ogħla grad fl-Ordni reliġjuż li tiegħu kien membru. Twieled Casal Asciach (Ħal Għaxaq), studja fis-Seminarju. Kien ordnat saċerdot u maestro fl-istess Seminarju. Inħakem minn marda li waqqfitu minn xogħlu. Wara li ġie f'tiegħu, fetaħ skola f'Casal Żabbar. Minn hemm mar il-Belt Valletta fejn beda jagħti lezzjonijiet fil-grammatika, fir-rettorika u fil-filosofija. F'din l-iskola tiegħu kellu ħafna studenti li 'l quddiem żejnu l-kleru bil-preżenza tagħha u kienu ta' unur għal pajjiżhom. Imma Alla ried minnu iktar minn hekk. Mar Ruma biex ikun jista' jsir reliġjuż u ma jibqax qassis djoċesan. F'April 1834 ħa l-abitu Tereżjan Skalz ta' Santa Maria della Scala, fil-provinċja Rumana. Fl-1840 sar prijur tal-kunvent imsemmi f'Ruma. Fl-1842 sar prokuratur ġenerali, u fil-kapitlu ġenerali tal-1847 kien elett Prepostu Ġenerali. Bejn Lulju 1850 u Ottubru 1851 huwa żar il-kunventi u l-monasteri. Fit-12 ta' Ottubru 1851 żar il-kunvent ta' Malta. Wara li temm t-terminu tiegħu bħala Prepostu Ġenerali, ġie lura f'pajjiżu sakemm imut. Pittura tiegħu b'kitba sempliċi bil-Latin jinsab fis-sagristija tal-knisja, ġewwa Bormla.
1862 - M.R.P. Raimondo, ta' San Ġużepp. Reliġjuż imżejjen b'ħafna prudenza u virtujiet distinti li kienu jagħmluh persuna idonja li jokkupa dik il-kariga.[25]

### Il-Monasteru u l-Knisja ta' Santa Margerita

Achille Ferris jgħidilna li **dan kien l-aħħar monasteru li nbena f'Malta.**[26] Flimkien mal-knisja tiegħu jiddominaw l-għolja li ġġib l-istess isem tal-qaddisa. Inbena fuq opra ta' Dun Pietro Saliba, deskritt minn



Ferris bħala "un uomo di specchiatissima vita". Dan wettqu b'kollaborazzjoni ma' Dun Antonio Barbara. Bil-għan li jwettaq dan il-ħsieb, Dun Pietro Saliba ġabar flus minn mal-gżira kollha. Wara l-mewt ta' dan il-qassis ħabrieki, intervjena l-Gran Mastru Maoel de Vilhena li rregala l-ispejjeż li bihom seta' jitlesta l-kunvent flimkien mal-knisja. Kien Mons. Alpheran li ta l-permess biex il-knisja tkun ħaġa waħda mal-kunvent. Il-sorijiet f'dan il-kunvent jgħixu ħajja ta' klawsura u jimxu fuq ir-regola ta' Santa Tereża.

Il-knisja, li għandha tliet altari bil-kwadru prinċipali li juri lil San Ġakmu jkun impitter minn Francesco Zahra, kienet ikkonsagrata mill-Isqof Labini fit-28 ta' Otturbru 1787. L-anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-knisja sar kull nhar it-tieni Ħadd ta' Ottubru.[27]

## Il-Konservatorju ta' Ġużepp

Din hija l-aħħar referenza li Achille Ferris jagħmel b'rabta ma' Bormla. Dan il-konservatorju kien intenzjonat biex jilqa' fih tfajliet foqra u hemm ikunu edukati moralment kif ukoll mill-aspett industrijali. Achille Ferris jikteb[28] li l-konservatorju l-qadim illum ideali biex iservi ta' skola primarja għall-belt ta' Bormla. Il-bini attwali, jikteb Ferris, sar lejn is-sena 1810 u jaqa' taħt l-awtorità tal-Isqof.

Rigward il-knisja li hija magħquda mal-konservatorju, jissemma l-kwadru prinċipali, xogħol ta' Sebastian Conca. Żewġ pitturi oħra huma tal-Addolorata, pittura ta' Guercino u Rokku Buhagiar pitter tal-Assunta.



Fuq il-bieb fil-bini ta' barra hemm skolpiti l-armi tal-Isqfijiet Labini u Mattei. Dawn iż-żewġ isqfijiet ikkoperaw f'kull qasam sabiex setgħu jirnexxu l-għanijiet li twaqqafhom għalihom.

B'dan il-mod kienu analizzati l-faċċati li bihom l-istoriku Senglean ippreżenta lill-kult Nisrani ġewwa Bormla. Għalkemm bosta storiċi jiktbu fuq l-istess bliet u rħula, b'danakollu kull storiku jenfasizza fuq ħwejjeġ li f'għajnejn l-oħrajn għandhom inqas importanza.

## Referenzi:

1. **Descrizione Storica delle Chiesa di Malta e Gozo**, p. 38
2. Ibid. p. 71
3. Ibid. 75
4. Ibid. Ferris jagħti żewġ dati differenti dwar il-bini tal-kunvent u l-knisja tal-patrijiet Karmelinati Skalzi. F'paġna 39 jikteb "Fra le beneficienze, che avea costui fatte, si menziona in ispecie la compra con 2000 scudi delle case, ove fu poscia eretto il convento de' PP. Carmelitani Scalzi, nel 1652."
   Min-naħa l-oħra f'paġna 76 jikteb: "Nel 1626 fu fondato nella Cospicua il convento di RR. PP. Carmelitani Scalzi, per opera di Mons. Cagliares."
5. Ibid. p. 78
6. Ibid. p. 294

7. Ibid. p. 294
8. Ibid. p. 294
9. "Il mattino dopo, domenica 9 settembre, i Gannizzari rimasti fra le rovine della Burmola, disperando di porre i salvo un enorme cannone lungo più di ventiquattro palme che avevano appostato", lo abbandonarono e appiccato il fuoco a quanto ancor rimaneva delle diroccate case di quel villaggio (Burmola), scapparono" **Il Grande Assedio di Malta** ta' Francesco Balbi di Correggio
10. Ibid. p. 295
11. Ibid. p. 295
12. Ibid. p. 295
13. Ibid. p. 297
14. Ibid. p. 297
15. Giovanni Battista Salvi da Sassoferrato għex bejn il-25 ta' Awwissu 1609 u t-8 ta' Awwissu 1865. Kien pittur Taljan li kien ipitter fuq stil Barokk. Huwa baqa' magħruf aktar bl-isem ta' belt twelid, Sassoferrato, milli b'ismu proprja.
16. Ibid. p. 297
17. Ibid. p. 298
18. Ibid. p. 299
19. Ibid. p. 300
20. Ibid. p. 302
21. Ibid. p. 304
22. Ibid. p. 304
23. Ibid. p. 307
24. Ibid. pp. 307 – 312
25. Ibid. p. 312
26. Ibid. p. 313
27. Ibid. p. 313
28. Ibid. p. 313

Poy Poy
Discount Store
Self Service



*With a variety of groceries*
*Specialising in ham,*
*cheese & mortadella*

St. George Street, Bormla

Telephone Box

*Mobile Phones &*
*Mobile Accessories*
*Hi-Fi • LED & LCD TVs*
*DVD Players*
*Mobile Repair Centre*




66
St Francis Street
Cospicua
Tel: 2169 7580
Mob: 9940 9462
7940 9462

*Best Prices Guaranteed ...*
*... and Best Prices on the Island!*